MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 41/2018

Il-Ħamis 18 ta' Jannar 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

41.1.1 Is-Sindku qal illi iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Maria Saliba, kienet skużata u l-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

41.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 40/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

41.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

41.2.3 Is-Sindku għamel punt fuq il-minuti 40.4.3 fejn qal li hu ċempel lill-kuntrattur u qallu li ser ikompli bix-xogħol fuq il-moll tax-Xwejni nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 u qal li jkun aħjar li nistiednu lill-kuntrattur għal-laqgħa li jmiss.

Fuq l-istess punt, Chev C Saliba qal ukoll li m'hemmx għalfejn issir laqgħa mal-kuntrattur peress li hemm fil-kuntratt id-data ta' meta jrid ikun lest ix-xogħol u li jekk ma jlestix jibdew japplikaw il-multi.

Chev C Saliba għamel suġġeriment fuq il-minuti 40.4.7 u 40.4.8 sabiex dawn ikunu parti mill-attivitajiet ta' Jum iż-Żebbuġ 2018.

41.2.4 Wara li saru l-korrezzjonijiet, is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

41.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-kotba li kienu ppubblikati fl-2017 fuq iż-Żebbuġ u Marsalforn. Il-Kunsill qabel li dawn il-kotba jitqassmu lir-residenti li jattendu f'Jum il-lokalita' ta' din is-sena.

41.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar korrispondenza li rċieva mingħand id-

Direttur Ġenerali tal-Qorti ta' Għawdex rigward il-ġranet ta' meta id-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Josianne Cassar attendiet għall-attivitajiet kulturali meta saru l-iskambji tal-ġemellaġġi. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Josianne Cassar kienet għamlet talba mad-Direttur Ġenerali tal-Qorti sabiex dawn il-ġranet jitqiesu bħala 'Cultural Leave' iżda din it-talba ma ġietx milqugħa minnha. Is-Sindku qal li f'dawn il-ġranet hija kienet fuq xogħol tal-Kunsill u ppropona biex il-Kunsill iħallas lill-impjegata ta' dawn is-siegħat ta' xogħol li għamlet fil-ġranet 6, 7, 11 u 12 ta' Settembru 2017 kif ukoll fis-26 ta' Ottubru 2017. Il-viċi Sindku, is-Sur Daniel Cordina, oġġezzjoni għal dan u saħaq li ħadd mill-kunsilliera preżenti ma talab xi tip ta' kumpens għal dawn il-ġranet. Is-Sur Daniel Cordina talab għall-kopja tal-korrispondenza fuq dan ir-rigward. Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill u ġiet approvata b'erba' voti favur mis-Sindku Nicky Saliba, il-Kunsilliera Christian Cassar, Carmelo Saliba u Sandra Grech filwaqt li l-viċi Sindku astjena minn dan il-vot.
Is-Sindku informa lill-Kunsill li f'din il-korrispondenza, id-Direttur Ġenerali tal-Qorti ta' Għawdex, staqsiet ukoll dwar it-tul ta' żmien tal-impjieg tas-sinjura Josianne Cassar mal-Kunsill la darba issa l-Kunsill għandu Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jirrispondi li l-kariga tagħha ser tintemm fil-31 ta' Jannar 2018.

41.3.2 Is-Sindku qal li l-impjegata Frances Cefai talbet bil-miktub sabiex jiġi approvat mill-Kunsill il-*vacation leave* li baqalha tas-sena 2017 li jammonta għal 59 siegħa biex jiġi mġedded għas-sena 2018. Qal ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv talab bil-miktub sabiex jiġi approvat mill-Kunsill il-*vacation leave* li baqalu tas-sena 2017 li jammonta għal 18-il siegħa biex jiġi mġedded għas-sena 2018. Il-Kunsill qabel li jiġi mġedded bil-kundizzjoni li dawn is-siegħat jittieħdu sal-aħħar ta' Ġunju.

## 41.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

41.4.1 Is-Sur Daniel Cordina staqsa dwar it-tabella tal-isem ta' 'Trejqa Kristina Galea' biex jara f'hiex wasal il-proċess. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv ċempel lill-fornitur ta' dan ix-xogħol u t-tabella għandha tkun lesta fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku ressaq suġġeriment fuq dan il-punt sabiex it-tabelli tat-toroq 'Triq Żaqi' u 'Sqaq Anton Mallia' jinbidlu peress li huma miksurin. Il-Kunsill qabel li jinbidlu.

41.4.2 Is-Sur Daniel Cordina għamel suġġeriment sabiex tinbagħat ittra lill-Gvern

Ċentrali sabiex jitneħħa l-periklu minn fuq l-Għar ta’ Modros fix-Xwejni peress li hemm il-blat qiegħed jaqta’ u hu ta’ periklu. Il-Kunsill qabel li tinbagħat ittra biex jitneħħa dan il-periklu.

41.4.3 Is-Sur Daniel Cordina staqsa biex jara f’hiex wasal ix-xogħol biex isiru erba’ *bollards* quddiem iċ-ċimiterju taż-Żebbuġ li kien hemm qbil dwarhom. Is-Sindku qal li qegħdin fil-proċess biex issir l-ordni għal dan ix-xogħol.

41.4.4 Is-Sur Daniel Cordina staqsa dwar il-proċess biex isiru d-*double yellow lines* fi Triq Skapuċċina. Is-Sindku wieġeb li qed nistennew is-*surveys* mingħand il-Perit tal-Kunsill li kellu jibgħathom sal-aħħar ta’ din il-gimgħa u li llum stess is-Segretarju Eżekuttiv bagħat *reminder* lill-Perit fuq dan. Is-Sindku għamel dikjarazzjoni li mhux bħal kif hawn l-għajdut li hu qed ikaxkar saqajh, hu qed jagħmel ħiltu kollha sabiex dawn id-*double yellow lines* isiru mill-aktar fis. Is-Sur Daniel Cordina saħaq li l-Perit qed idum wisq fuq dan ix-xogħol.

41.4.5 Is-Sur Christian Cassar ġibed l-attenzjoni dwar il-periklu fi Triq iż-Żebbuġ fejn hemm xi karozzi qed jipparkjaw ħdejn l-impjant tat-Tarmak u li b’dan qed jieħdu parti mill-karreġjata. Ġibed l-attenzjoni ukoll li f’din it-triq hemm siġra li l-friegħi tagħha ħarġu fit-triq u qegħdin ta’ periklu. Is-Sur Christian Cassar issuġġerixxa sabiex il-Kunsill jibgħat ittra lil min hu responsabbli ta’ din it-triq sabiex isiru *double yellow lines* fejn hemm il-periklu minħabba l-karozzi pparkjati u tinżabar is-siġra li l-friegħi tagħha ħarġu fit-triq. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suġġeriment.

Fuq dan il-punt is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill iqabbad lill-kuntrattur Peter Paul Said jiżbor is-siġar ta’ din it-triq, biċ-*cherry picker*, li qegħdin ta’ periklu u l-ġebel li jaqa’ minn ħdejn is-siġra tal-parti ta’ fuq tat-triq waqt dan iż-żbir, jitneħħa. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan ix-xogħol.

41.4.6 Is-Sinjura Sandra Grech ġibdet l-attenzjoni dwar l-ilma li ħiereġ minn Triq ta’ Ċenċ u jibqa’ nieżel għal Triq iż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ilu jibgħat ilmenti lil WSC fuq dan kif ukoll saru diversi rapporti fuq servizz.gov.

41.4.7 Chev Carmelo Saliba qal li kien talab kopja tal-kuntratt tal-impjieg tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Dianne Tagliaferro. Huwa qal li wara li ngħatatlu din il-kopja huwa nnota li dan il-kuntratt mhuwiex iffirmat miż-żewġ partijiet. Chev Carmelo Saliba saqsa għalfejn ġara dan. Qal ukoll li skont il-klawsola numru 5.08 f’dan il-kuntratt, l-impjegata kellha taħdem sitt xhur wara l-leave tal-maternita’ u dan ma sarx. Huwa staqsa jekk il-Kunsill huwiex intitolat għall-

kumpens ta' dan iż-żmien, la darba dan ma ġarax.

41.4.8 Chev Carmelo Saliba qal li waqt il-laqgħa annwali tal-lokalita' is-Sindku qal li fuq il-medja ġie rrapurtat li l-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ qabeż l-ammont stipulat fl-infieq tal-okkażżjoni ta' Jum iż-Żebbuġ 2016. Chev Carmelo Saliba talab rendikont ta' kif intefqu dawn il-flus.

## 41.5 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

41.5.1 Ċir AKL 2018/001 – Group Health Policy Renewal

F'din iċ-ċirkulari l-assoċjazzjoni qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex iħallsu l-assigurazzjoni tas-saħħa għall-impjegati (inkluż dawk li qegħdin fuq xi skema tax-xogħol), tas-Sindku u l-Kunsilliera kif ukoll tal-membri tal-Kumitat Amministrattiv.

Il-Kunsill qabel li jsir dan il-ħlas għall-assigurazzjoni tas-saħħa tal-impjegati u l-membri kollha.

Is-Sindku għamel punt fuq dan u staqsa fuq is-sigurta' u s-saħħa tal-impjegati tal-*Community Workers Scheme* waqt ix-xogħol tagħhom. Huwa qal li jekk ikun hemm xi inċident waqt ix-xogħol tagħhom, min hu responsabbli? Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa kellem lid-Direttur ta' din il-kumpanija u qallu li l-ħaddiema huma koperti min-naħa tal-kumpanija fuq dan. Is-Segretarju bagħtlu email sabiex ikollu din il-konferma bil-miktub iżda sa issa il-Kunsill għadu ma rċieva xejn lura mingħand id-Direttur tal-kumpanija li tħaddem lil dawn l-impjegati.

41.5.2 Cutajar Micheline – *email* datata 12/01/18

F'din il-korrispondenza, Micheline Cutajar qed tfakkar lill-Kunsill dwar is-salarju pendenti tal-ewwel tlett ijiem ta' Lulju 2017 flimkien ma' nofs il-*bonus* ta' Ġunju, kif ukoll il-*performance bonus* minn Jannar sa Ġunju 2017.

Chev C. Saliba informa lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħa hu kien talab għall-kopja tal-kuntratt ta' Micheline Cutajar u wara li ngħatatlu, ried iressaq xi punti għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Hu ikkwota mill-kuntratt tal-impjieg artiklu 1.03, artiklu 1.05 u artiklu 3.04 u wara staqsa lis-Sindku jekk l-impjegata Micheline Cutajar marritx kontra dan il-kuntratt.

Is-Sindku wieġeb li Micheline Cutajar dejjem għamlet xogħolha tajjeb u allaħares ma kinitx hi u Joanne Grima meta s-Segretarju Eżekuttiv Dianne Tagliaferro telqet mingħajr preavviż. Is-Sindku qal li tax-xogħol li ħadmet għandha dritt li titħallas iżda l-mod ta' kif telqet ix-xogħol tal-Kunsill ma kienx

kif kellu jkun. La avżat lill-Kunsill li ser tieqaf mix-xogħol tal-Kunsill (ħlief telefonata lis-Sindku) u lanqas għamlet *reconciliation* tal-flus li kienet responsabbli minnhom.
Is-Sur Daniel Cordina saħaq li la ħadmet għal dawk il-jiem għandha kull dritt li titħallas.
Il-Kunsill qabel unanimament li jħallas is-salarju tal-ewwel tlett ijiem ta' Lulju u l-*bonus* ta' Ġunju. Madankollu qabel li l-mod ta' kif telqet ix-xogħol mal-Kunsill għandu jirrifletti fil-*performance bonus*.

41.5.3 Green MT – Terminu ta' Ftiehem
F'din il-korrispondenza is-Sur Joe Attard, kap eżekuttiv ta' Green MT informa lill-Kunsill li mhux ser ikomplu joffru s-servizz tagħhom mill-1 ta' April 2018. Is-Sindku qal li Green MT baqalha tagħmel xi pagamenti lill-Kunsill u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiċċekja dwar dan. Il-Kunsill qabel sabiex nibdew il-proċess biex jingħażel kuntrattur ieħor għal dan is-servizz.

41.5.4 CMU – Dawl fl-i*slipway* tal-Qbajjar
Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Keith Vella Muscat mill-*Construction and Maintenance Unit* fi ħdan id-direttorat tal-*Projects and Development* fil-Ministeru għal Għawdex, dwar nuqqas ta' dawl fl-i*slipway* tal-Qbajjar u għamel suġġeriment sabiex issir floodlight. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

41.5.5 Applikazzjonijiet tad-Divertiment
- Mauro Gasan – Civil Wedding - Xwejni Salt Pans – 20/03/2018
- Mauro Gasan – Civil Wedding - Xwejni Salt Pans – 05/05/2018
- Joseph Xuereb – Social Event - Xwejni Salt Pans – 30/09/2018

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet.

41.5.6 Wara li ntbagħtet ittra tinforma lill-awtoritajiet dwar il-periklu fi Triq iż-Żebbuġ, il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministru għal Għawdex biex tinforma lill-Kunsill li ħadet nota tat-talba tal-Kunsill biex issir mill-ġdid Triq iż-Żebbuġ għal programm tax-xogħlijiet li jmiss peress li l-programm ta' din is-sena diġa' mfassal. Il-Ministru qalet ukoll li l-ilqugħ tal-ħadid biex jitneħħa l-periklu diġa' nħadem.

41.5.7 Ġimgħa tal-Ftuħ – Valletta 2018
Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Fondazzjoni Valletta 2018 dwar għajnuniet sabiex il-Kunsill jieħu r-residenti għall-attivitajiet tal-ġimgħa tal-ftuħ

ta' Valletta 2018. Il-Kunsill qabel sabiex jorganizza ħarġa kulturali/*weekend break* mid-19 sal-21 ta' Jannar 2018 lir-residenti għal din l-okkażżjoni. Il-Fondazzjoni Valletta 2018 ser tieħu ħsieb għat-trasport tal-ewwel ġurnata filwaqt li l-Kunsill ser iħallas it-trasport għall-jumejn ta' wara.

41.5.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Inġ. Mark Falzon dwar kwotazzjoni sabiex isir ir-rapport tas-saħħa u s-sigurta' fl-uffiċċju tal-Kunsill li tammonta għal €300. L-istess kwotazzjoni intalbet kemm 'il darba lil Galea Curmi Engineering Consultants Ltd iżda qatt ma wieġbu lura fuq dan. Il-Kunsill qabel li dan ir-rapport isir minn Inġ. Mark Falzon.

41.5.9 Direttiva Nru 3/2017
Is-Segretarjat Parlamentari għal Gvern Lokali bagħat direttiva dwar regolamenti ġodda u linji gwida dwar l-akkwist (Procurement) mill-Kunsilli Lokali.

41.5.10 Ilment 01/2018 – A. Buttigieg
Qed jlimenta biex isir gandott irqiq biex l-ilma li jnixxi minn Triq ta' Ċenċ jinżel ġo fih. Il-Kunsill qabel li jsir dan il-gandott.

41.5.11 Ilment 02/2018 – M. S. Borg
Qed tilmenta biex isir *disabled parking* ħdejn l-indirizz tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel biex l-ewwel jistenna s-survey li qed jagħmel il-Perit ta' Triq Skapuċċina.

41.5.12 Ilment 03/2018 – G. Cefai
Qed jilmenta li minħabba vettura li dejjem ipparkjata fl-istess post (kif indikat fir-ritratt li bagħtilna) ma jistax jidħol u joħroġ ġol-garaxx tiegħu. Il-Kunsill qabel biex l-ewwel jistenna s-survey li qed jagħmel il-Perit ta' Triq Skapuċċina.

41.5.13 Ilment 04/2018 – M. Borg
Qed jilmenta li hemm bżonn isir *patching* fi Triq Ta' Ċaqra. Il-Kunsill qabel li din it-triq tingħata prijorita' fuq proġetti oħra minħabba li din it-triq m'għadhiex aċċessibli.

41.5.14 Ilment 05/2018 – C. Zahra
Qed jilmenta li ma jistax jgħaddi bil-moħriet minn Triq Ta'Ċaqra minħabba l-istat ħażin li tinsab fiha. Il-Kunsill qabel li din it-triq tingħata prijorita' fuq

proġetti oħra minħabba li din it-triq m'għadhiex aċċessibli.

41.5.15 Ilment – Daniel Cordina (viċi-Sindku)
Issuġġerixxa biex issir bozza fi Triq il-Ħabel it-Twil 'il ġewwa minn bozza 403 peress li hemm ħafna dlam. Il-Kunsill qabel li ssir.
Huwa għamel suġġeriment ukoll sabiex isir patching fi Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill qabel li jsir patching mill-kuntrattur madwar id-dawra tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll fi Triq il-Knisja.

41.5.16 Is-Sinjura Sandra Grech qalet li l-każijiet li l-Kunsill għandu pendenti mal-*insurance* fuq *claims* tar-residenti għandhom jiġu magħluqa. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 41.6 Karnival 2018

41.6.1 Il-Kunsill approva l-attivita' tal-Karnival għal din is-sena li ser issir nhar il-Ħadd 11 ta' Frar 2018 fi Pjazza l-Assunta minn 12:15 'il quddiem. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir bħas-sena l-oħra, bl-attivita' tittella' bil-parteċipazzjoni tal-Banda Santa Marija, diversi kumpaniji taż-żfin, Cini Band, prinjolata, il-kukkanja, u kompetizzjoni fi tlett kategoriji: kostumi bil-foam, kostumi bla foam u tal-maskarat. Il-Kunsill qabel li kull parteċipant jingħata tifkira tal-okkażjoni.

## 41.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;

41.7.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM32/2017 tal-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

## 41.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

41.8.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 30/2018 – DOK A għall-perjodu bejn il-21 ta' Diċembru 2017 u is-17 ta' Jannar 2018 li tammonta għal €43,818.79 kienet approvata u ffirmata.

41.8.2 Is-Sindku Nicky Saliba preżenta l-Performance Appraisal tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv Josianne Cassar u tas-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *Performance Bonus* sħiħ għas-sena 2017 ta' 10% fuq is-salarju lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Josianne Cassar, ħlas ta' *Performance Bonus* sħiħ għall-aħħar xahrejn tas-sena 2017 ta' 10% fuq is-salarju lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Ryan Debrincat.

41.8.3 Il-Kunsill approva ukoll ħlas ta' *Performance Bonus* sħiħ għas-sena 2017 ta' 6% fuq is-salarju lill-iskrivana s-Sinjura Joanne Grima.

41.8.4 Il-Kunsill approva ħlas ta' *Performance Bonus* għall-ewwel sitt xhur tas-sena 2017 ta' 3% fuq is-salarju lill-Assitent Prinċipal is-Sinjura Micheline Cutajar.

## 41.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 15 ta' Frar 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 15 ta' Frar 2018.

| | |
|---|---|
| *iffirmata* | *iffirmata* |
| **Nicky Saliba** | **Ryan Debrincat** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |